MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 22/2014

AV

**vs**

**CV**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom fid-29 ta’ Mejju tas-sena 1999 u minn dan iz-zwieg twieldet tifla bl-isem ta’ HV, ghadu minorenni.

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba’ snin, minkejja li sseparaw bonarjament fid-9 ta’ Ottubru 2013 kif jirrizulta minn kuntratt ta’ separazzjoni bonarja in atti tan-Nutar Nicholas Vella LL.D., hawn anness u markat Dok A.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba’ snin mifrudin minn ma’ xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma’ xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta.

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti ;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Jannar, 2014 ;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti rat illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Ottubru, 2013 izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ snin ;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;

Il-qorti rat ukoll illi r-rikorrenti pprova ukoll li ma hemmx pendenzi fir-rigward ta’ manteniment ;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------